# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru   37**

**Avviz  numru      242/00/SM**

**E. Calleja & Sons Ltd.**

**vs**

**Raymond Borg ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta ta' The Pine Factory.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma kumplessiva ta' erba' mija u wiehed u tletin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmi, (LM431.38,0), rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' erba' mija u hmistax-il Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM415.55,0) bhala l-prezz ta'**

**merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici, skond dokument A, u kwantu ghas-somma a' hmistax-il lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (LM15.83,0), bhala prezz ta' merkanzija skond Dokument B;**

2. **Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-konsenja tal-merkanzija relattiva, u cioe' mill-31 ta' Ottubru 1998 u mit-2 ta' Novembru 1998 rispettivament sad-data tal-pagament effettiv;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-eccipjent m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici;**

2. **Illi f'kull kaz it-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ghat-tenur ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. **Bl-ispejjez kontra s-socjeta' minn issa ngunta in subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-provi prodotti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-konvenut kien xtara merkanzija minghand is-socjeta' attici f'zewg okkazzjonijiet;**

2. **Illi l-konvenut kien hallas lis-socjeta' attrici mal-konsenja tal-merkanzija lilhu permezz ta' zewg (2) cekkijiet;**

3. **Illi pero' meta s-socjeta' attrici giet biex tiddeposita dawn iz-zewg cekkijiet – wiehed dtata l-1 ta' Novembru ta' l-1998 ghall-ammont ta' erba' mija u hmistax-il Lira Maltin u  hamsa u**

**hamsin centezmu, (LM415.55,0), mmarkat Dok. SC 2, u iehor datat it-2 ta' Novembru ta' l-1998 ghall-hmistax-il Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu, (LM15.83,0) – dawn gew it-tnejn "referred to drawer";**

4. **Illi ghalkemm is-socjeta' attrici tat l-opportunita' lill-konvenut biex isolvi l-kwistjoni, dan xorta baqa' inadempjenti;**

5. **Illi ghalhekk l-ammont komplessiv ta' erba' mija u wiehed u tletin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM431.38,0) ghadu dovut mill-attur lis-socjeta' attrici;**

6. **Illi tinnota wkoll illi ghalkemm il-konvenut kellu kull opportunita' biex igib il-posizzjoni tieghu l-quddiem, xorta baqa' inadempjenti;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-istess socjeta' l-ammont ta' erba' mija u wiehed u tletin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu, (LM431.38,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitlub.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**